



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



9541/14

(OR. en)

PRESSE 269
PR CO 23

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3311-il laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Kwistjonijiet Kummerċjali

Brussell, 8 ta' Mejju 2014

President

Panagiotis Mitarachi

Viċi Ministru għall-Iżvilupp u l-Kompetittività tal-Greċja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/press>

9541/14

1
MT

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet u direttivi ta' negozjar rigward inizjattiva “prodotti ekoloġiċi” għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti ambjentali.

Filwaqt li laqa' din l-inizjattiva minn membri tal-WTO, il-Kunsill sejjaħ għal bidu rapidu ta' negozjati bħala l-ewwel pass biex dan jiġi stabbilit fuq bażi multilaterali. Huwa esprima appoġġ għat-tneħħija ta' tariffi fuq firxa wiesgħa ta' prodotti li jikkontribwixxu għal tkabbir ekoloġiku, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli. Huwa enfażizza l-ħtieġa li jiġu esplorati r-raġunijiet għal-liberalizzazzjoni tas-servizzi ambjentali, inklużi servizzi relatati mal-kummerċ, u biex jiġu indirizzati l-ostakoli non-tariffarji għall-prodotti u s-servizzi ambjentali.

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI Error! Bookmark not defined.

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

NEGOZJATI KUMMERĊJALI BEJN L-UE U L-KANADA	7
NEGOZJATI KUMMERĊJALI BEJN L-UE U L-ĠAPPUN.....	8
AĠENDA TA' ŻVILUPP TA' DOHA — PRODOTTI AMBJENTALI.....	9
AFFARIJET OĦRA	10
– Ftehimiet ta' sħubija ekonomika.....	10
– Implimentazzjoni ta' preferenzi kummerċjali għall-Kroazja.....	10

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI*POLITIKA KUMMERĊJALI*

– Regoli kummerċjali internazzjonali.....	11
---	----

AGRIKOLTURA

– Qtugħ illegali tas-siġar	11
– Nefqa marbuta mal-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.....	12

SAJD

– Pjan għall-irkupru tat-tonn	13
-------------------------------------	----

SAĦĦA

– Finanzjament għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-mediċini*	13
--	----

LIĠI DWAR L-IKEL

– Għasel*	14
-----------------	----

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew rizzoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

IMPJIEGI

- Statistika dwar l-impjiegi 14
- Servizzi pubbliċi tal-impjiegi 14

POLITIKA SOĊJALI

- Fond għall-persuni l-aktar fil-bżonn 14

KULTURA

- Ritorn ta' oġġetti kulturali 15

TELEKOMUNIKAZZJONI

- Tnaqqis fl-ispejjeż tal-broadband* 15

TRASPORT

- Sejhhiet ta' emerġenza eCall 16
- Politika ta' kapaċità tal-flotta 16
- Kumitat għas-Sikurezza Marittima 16

SUQ INTERN

- Prodotti għall-kostruzzjoni 16

PARTEĊIPANTI**Belġju:**

Is-Sur Didier REYNDERS

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ Estern u l-Affarijiet Ewropej

Bulgarija:

Is-Sur Krasin DIMITROV

Viċi Ministru tal-Ekonomija u l-Enerġija

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Jan MLÁDEK

Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ

Danimarka:

Is-Sur Mogens JENSEN

Ministru tal-Kummerċ u l-Iżvilupp

Ġermanja:

Is-Sur Stefan KAPFERER

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija

Estonja:

Is-Sinjura Anne SULLING

Ministru responsabbli għall-Kummerċ Barrani u l-Intraprenditorija

Irlanda:

Is-Sur John PERRY

Ministru tal-Istat b'responsabbiltà għan-Negozji ż-Żgħar (Dipartiment tal-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni)

Greċja:

Is-Sur Panagiotis MITARACHI

Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp u l-Kompetittività

Spanja:

Is-Sur Jaime GARCÍA-LEGAZ PONCE

Segretarju tal-Istat għall-Kummerċ

Franza:

Is-Sinjura Fleur PELLERIN

Ministru tal-Istat għall-Kummerċ Barrani, il-Promozzjoni tat-Turiżmu u ċ-Ċittadini Franċiżi Barra mill-Pajjiż

Kroazja:

Is-Sur Joško KLISOVIĆ

Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej

Italja:

Is-Sur Carlo CALENDIA

Viċi Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku

Ċipru:

Is-Sur Stelios D. HIMONAS

Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ, l-Industrija u t-Turiżmu

Latvia:

Is-Sur Mārtiņš LAZDOVSKIS

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ġustizzja

Il-Litwanja:

Is-Sur Rolandas KRIŠČIŪNAS

Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin

Lussemburgu:

Is-Sur Christian BRAUN

Rappreżentant Permanenti

Ungerija:

Is-Sur Peter GYÖRKÖS

Rappreżentant Permanenti

Malta:

Is-Sur Christian CARDONA

Ministru tal-Ekonomija, l-Investment u n-Negozji ż-Żgħar

Olanda:

Is-Sinjura Lilianne PLOUMEN

Ministru tal-Kummerċ Barrani u l-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp

Awstrija:

Is-Sur Walter GRAHAMMER

Rappreżentant Permanenti

Polonja:

Is-Sur Andrzej DYCHA

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija

Portugall:

Is-Sur Bruno MAÇÃES

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Mihnea MOTOC

Rappreżentant Permanenti

Slovenja:

Is-Sur Rado GENORIO

Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sur Pavol PAVLIS

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Ekonomija

Finlandja:

Is-Sur Alexander STUBB

Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Kummerċ Barrani

Svezja:

Is-Sinjura Ewa BJÖRLING

Ministru tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni Nordika

Renju Unit:

Is-Sur Ian LIVINGSTON

Ministru tal-Istat għall-Kummerċ u l-Investment, l-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth u d-Dipartiment għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Filiet

Kummissjoni:

Is-Sur Karel DE GUCHT

Membri

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

NEGOZJATI KUMMERĊJALI BEJN L-UE U L-KANADA

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kummissjoni dwar l-aħħar żviluppi fin-negozjati mal-Kanada dwar ftehim ekonomiku u kummerċjali komprensiv (CETA). Huwa ddiskuta l-progress li sar dwar il-kwistjonijiet pendenti ewlenin.

Il-Kunsill innota li l-Kummissjoni tistenna li l-ftehim jitlesta fil-futur qrib, u li l-Istati Membri ser ikollhom biżżejjed żmien biex jeżaminaw it-test finalizzat komplut qabel ma jiġi inizjalat. Ħa wkoll nota tat-tħassib tal-Istati Membri li jirriżulta minn kompetenzi mħallta skont il-Ftehim, u enfasizza li mhux ser jaqbel li s-CETA jiġi ffirmat u konkluż bħala ftehim għall-UE biss.

Il-ftehim hu mistenni li jneħħi aktar minn 99% tat-tariffi li bħalissa huma imposti fuq il-kummerċ bejn iż-żewġ ekonomiji. Huwa ser jipprevedi aċċess għas-suq aħjar għas-servizzi, aktar ċertezza, trasparenza u protezzjoni għall-investimenti, kooperazzjoni msaħħa fl-iżvilupp regolatorju, mobbiltà tax-xogħol u f'oqsma oħra, u opportunitajiet ġodda fis-swieq tal-akkwist pubbliku. Huwa mistenni wkoll li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar drittijiet ta' proprjetà intellettuali, miżuri sanitarji u fitosanitarji, żvilupp sostenibbli, rikonoxximent reċiproku, faċilitazzjoni tal-kummerċ, kooperazzjoni fil-qasam tal-materja prima, risoluzzjoni tat-tilwim u ostakoli tekniċi għall-kummerċ.

Ladarba jiġi implimentat, is-CETA huwa mistenni li jsaħħaħ il-kummerċ bilaterali f'oġġetti u servizzi bi 23%, l-ekwivalenti ta' madwar EUR 23 biljun.

F'Ottubru 2013, il-Prim Ministru Kanadiż Stephen Harper u l-President tal-Kummissjoni José Manuel Barroso ħabbru ftehim politiku dwar l-elementi ewlenin tas-CETA, bi kwistjonijiet tekniċi li għad iridu jiġu solvuti. Minn dakinhar, in-negozjaturi qed jaħdmu biex ifissru dak il-ftehim f'test legali.

It-taħditiet mal-Kanada ilhom għaddejjin għal madwar erba' snin, fuq il-bażi ta' mandat li nftiehem mal-Kunsill f'April 2009. F'Settembru 2011, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda taħditiet dwar il-protezzjoni tal-investiment fi ħdan il-qafas tas-CETA.

NEGOZJATI KUMMERĊJALI BEJN L-UE U L-ĠAPPUN

Il-Kunsill kien infurmat mill-Kummissjoni dwar il-progress li sar fin-negozjati mal-Ġappun dwar ftehim ta' kummerċ ħieles. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-ministri dwar l-elementi ewlenin ta' rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Ġappun tal-impenji tiegħu għall-eliminazzjoni ta' ostakoli non-tariffarji u għall-akkwist pubbliku mill-gvern.

Il-Kunsill talab lill-Kumitat tal-Politika tal-Kummerċ (TPC) sabiex jiddiskuti r-rapport fit-23 ta' Mejju, u talab lill-Kummissjoni biex tagħmel mod li r-rapport ikun disponibbli fil-ħin għal dik il-laqgħa.

Meta l-Kunsill f'Novembru 2012 approva mandat lill-Kummissjoni biex tinneogzja ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun, huwa inkluda klawżola ta' reviżjoni li tispesifika li sena wara l-bidu tan-negozjati, il-Kummissjoni kellha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni mill-Ġappun tal-impenji tiegħu rigward l-ostakoli non-tariffarji u l-akkwist pubbliku mill-gvern. Il-Kummissjoni kellha tiddetermina, f'konsultazzjoni mat-TPC, jekk l-implimentazzjoni kinitx sodisfaċenti għal kollox. Jekk jinstab ma kinitx sodisfaċenti, in-negozjati jiġu sospiżi.

Il-ftehim hu mistenni jipprevedi l-liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka tal-kummerċ tal-oġġetti u s-servizzi u l-investment, kif ukoll regoli dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ u t-tneħħija ta' ostakoli non-tariffarji.

Flimkien mal-mandat ta' negozjar għal ftehim ta' kummerċ ħieles, f'Novembru 2012 il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun dwar ftehim qafas, li jkopri l-kooperazzjoni politika, globali u settorjali. Il-ftehimiet qed jiġu nneogzjati b'mod parallel u ser joħolqu qafas globali msaħħa għar-relazzjonijiet tal-UE mal-Ġappun.

AĠENDA TA' ŻVILUPP TA' DOHA - PRODOTTI AMBJENTALI

Il-Kunsill iddiskuta l-aġenda tal-UE "ta' wara Bali" b'segwitu għall-konferenza ministerjali tad-WTO li saret fi tmiem l-2013.

Huwa adotta l-konklużjonijiet li ġejjin kif ukoll id-direttivi ta' negozjar dwar inizzjattiva multilaterali "prodotti ekoloġiċi" sabiex ikunu ta' gwida għall-Kummissjoni fin-negozjati.

1. Filwaqt li jfakkar il-paragrafu 31 (iii) tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha, li tikkommetti lill-Membri tad-WTO biex jinnegozjaw "it-tnaqqs jew, kif xieraq, l-eliminazzjoni ta' ostakli tariffarji u non-tariffarji għal prodotti u servizzi ambjentali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kunsill jilqa' l-istqarrija minn erbatax-il Membru tad-WTO, fl-24 ta' Jannar 2014 f'Davos, biex jinkiseb kummerċ ħieles globali fi prodotti ambjentali. Din l-inizzjattiva mnedija mill-atturi ewlenin tal-kummerċ ambjentali għandha l-għan li jsir progress dwar l-aġenda DDA dwar il-kummerċ u l-ambjent. Il-Kunsill qed jistenna b'interess bidu rapidu tan-negozjati bħala l-ewwel pass fi proċess li jwassal għal eżitu multilaterali.
2. Il-Kunsill jappoġġa l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti u servizzi ambjentali, minħabba l-kontribut importanti li dan jista' jagħmel għall-aġenda internazzjonali għall-ħarsien tal-ambjent u għall-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima, kif ukoll it-ktabbir u l-impjiegi. L-UE ser taħdem fuq l-inizzjattiva dwar il-prodotti ekoloġiċi flimkien mal-Membri tad-WTO kommessi bl-istess mod għal-liberalizzazzjoni.
3. Il-Kunsill jappoġġa negozjati lejn ftehim li jkopri massa kritika ta' kummerċ fi prodotti ambjentali, imsejsa fuq ir-regoli tad-WTO, applikati abbażi ta' Nazzjon l-Aktar Favorit u li jwasslu għall-multilateralizzazzjoni futura tagħha. Filwaqt li jibni fuq l-impenn tal-APEC ta' Settembru 2012 li jitnaqqsu t-tariffi fuq 54 prodott ambjentali, il-Kunsill jappoġġa l-oġettiv li jiġu eliminati t-tariffi fuq firxa wiesgħa ta' prodotti addizzjonali li direttament u b'mod pożittiv jikkontribwixxu għat-ktabbir ekoloġiku, il-ħarsien tal-ambjent, u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu esplorati r-raġunijiet għal-liberalizzazzjoni ta' servizzi ambjentali, inklużi servizzi relatati mal-kummerċ, u biex jiġu indirizzati l-Ostakli Non-Tariffarji għall-prodotti u servizzi ambjentali.
4. Fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp, għal din l-inizzjattiva l-Kunsill għandu l-ħsieb li jagħmel kontribut pożittiv għall-aġenda ta' wara Bali u li jikkomplementa n-negozjati għall-aċċess għas-suq għall-prodotti mhux agrikoli."

AFFARIJIET OĦRA

– *Ftehimiet ta' sħubija ekonomika*

Il-Kunsill ġie aġġornat mill-Kummissjoni dwar il-progress fin-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika, li jiffokaw fuq dawk li huma l-eqreb il-finalizzazzjoni, jiġifieri, mal-Afrika tal-Punent, il-Komunità Afrikana tal-Lvant u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika.

– *Implimentazzjoni ta' preferenzi kummerċjali għall-Kroazja*

Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-preferenzi kummerċjali għall-Kroazja minn pajjiżi terzi li għandhom ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-UE.

*

* *

Matul l-ikla ta' nofsinhar, il-Ministri qiesu l-progress li sar **fin-negozjati mal-Istati Uniti** dwar sħubija trans-Atlantika ta' kummerċ u ta' investiment (TTIP).

Iċ-ċiklu li jmiss ta' negozjati huwa ppjanat li jsir f'Washington D.C. matul il-ġimgħa li tibda fid-19 ta' Mejju.

It-taħditiet komplew b'mod kontinwu abbażi ta' mandat miftiehem mill-Kunsill f'Ġunju tas-sena li għaddiet. L-ewwel ċiklu ta' negozjar sar f'Washington f'Lulju. Ir-raba' u l-aħħar ċiklu ta' taħditiet sar fi Brussell mill-10 sal-14 ta' Marzu.

Hu mistenni li l-ftehim ikun strutturat madwar tliet komponenti ewlenin: l-aċċess għas-suq; kwistjonijiet regolatorji u ostakoli non-tariffarji; u regoli.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

Regoli kummerċjali internazzjonali

Il-Kunsill adotta regolament bil-għan li jinħoloq qafas leġislattiv komuni li ser jippermetti lill-UE tiddefendi u tinforza d-drittijiet tagħha skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali ([PE-CONS 27/14](#)).

Ir-regolament jistabbilixi regoli u proċeduri sabiex jiġi żgurat eżerċizzju effettiv u f'waqtu tad-drittijiet tal-UE li tissospendi jew tirtira konċessjonijiet jew obbligi oħra skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali.

AGRIKOLTURA

Qtugħ illegali tas-siġar

Il-Kunsill adotta emenda għar-Regolament 2173/2005¹ dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT (infurzar tal-liġi tal-foresta, governanza u kummerċ fi prodotti tal-injam) għall-importazzjoni ta' injam fl-UE. Dan isegwi qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew ([PE-CONS 39/14](#)).

Dan ir-regolament jallinja r-Regolament 2173/2005 dwar l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni u ta' delega kkonferiti lill-Kummissjoni. It-TFUE jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE (atti delegati), u s-setgħat ikkonferiti fuq il-Kummissjoni biex tadotta kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE (atti ta' implimentazzjoni).

¹ ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

Il-Kummissjoni tista' għalhekk tadotta atti delegati biex tirrevedi l-eżenzjonijiet għal skemi ta' liċenzjar (previsti mir-Regolament 2173/2005) tal-prodotti tal-injam tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi għar-Regolament 338/97¹ dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta rekwiżiti dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament 2173/2005. Permezz ta' atti delegati, il-Kummissjoni tista' temenda wkoll l-Annessi li jagħtu aktar dettalji b'rabta mal-lista ta' pajjiżi msieħba, kif ukoll l-awtoritajiet ta' liċenzjar deżinjati tagħhom, il-lista ta' prodotti tal-injam li għalihom tapplika l-iskema ta' liċenzjar tal-FLEGT irrispettivament mill-pajjiż imsieħeb; kif ukoll il-lista tal-prodotti tal-injam li għaliha l-iskema ta' liċenzjar tal-FLEGT tapplika biss b'rabta mal-pajjiż imsieħeb korrispondenti.

Nefqa marbuta mal-katina alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti

Il-Kunsill adotta regolament li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali, u relatata mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti. Din l-adozzjoni ssegwi qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew ([PE-CONS 24/14](#)).

L-objettiv tar-regolament huwa li jimmodernizza d-dispożizzjonijiet finanzjarji għal dan il-qasam skont id-dispożizzjonijiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7/8 ta' Frar 2013 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020. Ir-regolament jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet finanzjarji attwali b'diversi bażijiet legali b'qafas finanzjarju uniku li jottimizza l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-ġestjoni finanzjarja tan-nefqa fil-qasam tal-ikel u l-għalf. B'mod partikolari, l-istrutturi ta' ġestjoni finanzjarja ser jiġu ssimplifikati abbażi ta' objettivi u indikaturi ċari. Ir-rati ta' finanzjament se jkunu wkoll aktar ċari u aktar simplifikati.

Ir-regolament huwa parti mill-'Pakkett dwar Annimali u Pjanti aktar b'Saħħithom għal Katina Alimentari Aktar Sikura' u joffri qafas għall-finanzjament ta' miżuri previsti skont il-politika dwar is-saħħa tal-annimali, ir-reġim għas-saħħa tal-pjanti, ir-reġim għall-produzzjoni u d-disponibbiltà fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-pjanti u r-regoli li jirregolaw il-kontrolli uffiċjali.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-istqarrija għall-istampa [9490/14](#).

¹ ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

SAJD**Pjan għall-irkupru tat-tonn**

Il-Kunsill adotta emenda għar-Regolament 302/2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran wara qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew ([PE-CONS 61/14](#)).

Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2012, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat rakkomandazzjoni li temenda ulterjorment il-pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn sabiex tadatta aħjar l-istaġuni tas-sajd għall-attività tal-flotot. Fl-2013, l-ICCAT adottat komplement għal din ir-rakkomandazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru modifiki fl-istaġuni tas-sajd għal bastimenti tas-sajd bil-lixka u bir-rixa fil-Lvant tal-Atlantiku li ma jaffettwawx il-protezzjoni tal-postijiet fejn ibid it-tonn fil-Mediterran. Dan il-komplement jistabbilixxi wkoll regoli għall-użu ta' kameras sterjoskopiċi fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ.

L-għan ta' dan ir-regolament huwa li tiġi trasposta fil-liġi tal-UE l-aħħar rakkomandazzjoni tal-ICCAT li timmodifika l-pjan ta' rkupru għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

L-UE ilha parti għall-ICCAT sa mill-1997 u r-rakkomandazzjonijiet isiru jorbtu lill-partijiet kontraenti li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni għalihom. L-UE għandha responsabbiltà li tapplika r-rakkomandazzjonijiet adottati.

SAĦĦA**Finanzjament għall-monitoraġġ imsaħħaħ tal-mediċini***

Il-Kunsill adotta regolament maħsub biex jiżgura l-finanzjament ta' monitoraġġ imsaħħaħ wara l-awtorizzazzjoni ta' mediċini għall-użu mill-bniedem ("farmakoviġilanza") imwettaq fil-livell tal-UE ([PE-CONS 44/14](#) + [8795/14 ADD 1](#)), wara qbil fl-ewwel qari li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fi Frar.

Għad-dettalji, ara [9355/14](#).

LIĠI DWAR L-IKEL**Għasel***

Il-Kunsill approva¹ direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel ([PE-CONS 65/14](#) + [8803/1/14 REV 1 ADD 1](#)). Dan isegwi qbil fl-ewwel qari milħuq mal-Parlament Ewropew.

Id-direttiva tipprevedi li t-trab tad-dakra huwa kostitwent naturali, u mhux ingredjent, tal-għasel. Sabiex jiġu żgurati Prattiki kummerċjali ġusti, biex jiġu protetti l-konsumaturi u biex jiġu stabbiliti l-metodi rilevanti tal-analiżi għall-verifika tal-konformità tal-għasel mad-direttiva, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta d-direttiva billi tiddefinixxi żewġ parametri kwantitattivi relatati rispettivament mal-oriġini minn fjuri jew ħxejjex tal-għasel u l-kontenut minimu ta' trab tad-dakra f'għasel iffiltrat.

Id-direttiva ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE wara li tiġi ffirmata mill-Presidenti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew u ser tidħol fis-seħħ 20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha.

IMPJIEGI**Statistika dwar l-impjiegi**

Il-Kunsill adotta regolament emendat dwar l-istħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol ([PE-CONS 63/14](#)).

L-għan tar-regolament hu li jemenda r-Regolament (KE) Nru 577/98² sabiex jallinjah mal-kuntest istituzzjonali l-ġdid tat-Trattat ta' Lisbona, u biex l-UE tkun tista' tipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' għotjiet għall-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra.

Servizzi pubbliċi tal-impjiegi

Il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar kooperazzjoni mtejba bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) ([PE-CONS 32/14](#)).

L-għan tad-deċiżjoni huwa li tifformalizza l-grupp espert konsultattiv informali tal-kapijiet attwali tal-PES (HoPES) u tibdlu f'network komplet.

POLITIKA SOĊJALI**Fond għall-persuni l-aktar fil-bżonn**

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jissupplimenta r-Regolament 223/2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ([7776/14](#) + [7776/14 ADD 1](#)).

¹ Id-delegazzjoni Ungeriża u dik Lussemburgiża vvutaw kontra. Id-delegazzjoni Ċeka u dik Franċiża astjenew.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità (Ġurnal Uffiċjali L 077, 14/03/1998, p. 0003 - 0007)

L-abbozz ta' regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-Regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

KULTURA

Ritorn ta' oġġetti kulturali

Il-Kunsill adotta direttiva dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru ([PE-CONS 55/14](#)).

Id-direttiva għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza ta' mekkaniżmi biex jiġi żgurat ir-ritorn tal-oġġetti kulturali kklassifikati bħala teżori nazzjonali, tiġi aġġornata u kkompletata d-Direttiva 93/7/KEE attwali. Ara l-istqarrija għall-istampa [7049/14](#).

TELEKOMUNIKAZZJONI

Tnaqqis fl-ispejjeż tal-broadband*

Il-Kunsill adotta direttiva li jagħmilha aktar faċli u irħas biex jiġu introdotti netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, fost affarijiet oħra billi jiġi promoss l-użu konġunt tal-infrastruttura, bħall-provvista tal-elettriku, tal-gass u l-pajpijiet tad-dranaġġ ([PE-CONS 48/14](#); dikjarazzjoni: [8799/14 ADD 1](#))¹. Ir-Renju Unit astjena.

Għad-dettalji ara l-istqarrija għall-istampa [9499/14](#).

¹ Ir-Renju Unit astjena.

TRASPORT

Sejħiet ta' emerġenza eCall

Il-Kunsill adotta deċiżjoni biex tiġi introdotta sistema obbligatorja fl-UE kollha biex jiġu ttrattati sejħiet ta' emerġenza mibgħuta awtomatikament minn karozzi jew attivati manwalment minn persuni fil-karozza f'każ ta' ħabta (eCalls) ([PE-CONS 77/14](#)).

Għad-dettalji ara l-istqarrija għall-istampa [9353/14](#).

Politika ta' kapaċità tal-flotta

Il-Kunsill adotta regolament li jaġġorna l-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-UE biex jiġi promoss it-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni ([PE-CONS 67/14](#)).

Għad-dettalji ara l-istqarrija għall-istampa [9352/14](#).

Kumitat għas-sikurezza marittima

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE għat-93 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, fir-rigward b'mod partikolari tal-adozzjoni ta' emendi għal diversi regolamenti oħra li jikkonċernaw is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar ([9247/14 ADD 1](#)).

SUO INTERN

Prodotti għall-kostruzzjoni

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jemenda r-Regolament 305/2011 bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-azzjonijiet tal-manifatturi u l-funzjonament ta' korpi notifikati awtorizzati jwettqu kompiti ta' partijiet terzi fil-proċess ta' valutazzjoni u verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni. ([6853/14](#) u [6853/14 ADD 1](#)).

Ir-Regolament 305/2011 jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-kostruzzjoni u lill-Kummissjoni ġie ddelegat il-kompitu li tadatta l-Anness V tar-Regolament.

L-emenda għar-Regolament 305/2011 issa tista' tidħol fis-seħħ sakemm il-Parlament Ewropew ma joġġezzonax.